# Il-Mosta – 400 sena Parroċċa fi Tliet Knejjes

*Messaġġ ferrieħi u storiku*



**Mons. Dun Bartolomeo BEZZINA**

*Kappillan tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard*

Bħal dan iż-żmien xahar u sewwa sew fis-16 ta' Settembru, il-Mosta – kollha ferħ u entużjażmu – tkun qed tiċċelebra festi kbar biex tfakkar il-ġrajja ta' meta 400 sena ilu, il-Mosta ġiet mifruda mill-Knisja Matriċi tan-Naxxar u saret Knisja Parrokkjali għaliha.

## Il-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim kellu tliet Imqades

Meta fittixt fil-Bibbja sibt diversi mkejjen, tempji għall-qima ta' Alla. L-ewwel ma sibt dik li tissejjaħ it-Tinda tal-Laqgħa li Mosè bena fuq l-ordnijiet, qisien u mudell li taħ Alla. Għal ħafna xogħol li kien hemm, Alla sejjaħ b'ismu lil Besalel bin Uri u mlieh bl-Ispirtu ta' Alla, b'ħila u b'dehen, bl-għerf u bis-sengħa f'kull xogħol; biex ifassal u jimmudella u jaħdem fid-deheb, fil-fidda u fil-bronż; jonqox il-ħaġar għat-tqegħid u jaħdem l-injam għal kull xogħol.



Mosè – pittura ta' Jusepe de Ribera ta' l-1638.

Meta Mosè lesta minn kollox it-Tinda tal-laqgħa, is-sħaba (simbolu tal-preżenza ta' Alla) ksiet it-Tinda tal-Laqgħa; u l-glorja tal-Mulej imliet it-Tinda, fost il-ferħ kbir tal-poplu li ma kienx jitlaq minn hemm dment li s-sħaba ma kinitx tintrefa' minn fuq it-Tinda tal-Laqgħa.

### *It-tieni Maqdes*

Fil-Kotba Mqaddsa, fl-Ewwel Ktieb tas-Slaten, sibt ukoll maqdes ieħor – it-Tempju ta' Salamun – li għal dak iż-żmien kien xi ħaġa ta' l-għaġeb fid-dinja. Kif għall-bini tat-Tinda tal-Laqgħa kien hemm Besalel kapaċi għal kull xogħol ta' l-arti u tal-bini, hekk issa Salamun sab lil Hiram, is-sultan ta' Tir, lest biex jgħinu speċjalment fi kwantità kbira ta' qtugħ ta' siġar taċ-ċedru u taċ-ċipress. Il-bennejja ta' Salamun ingħaqdu mall-bennejja ta' Hiram għall-bini tat-Tempju.

Salamun flimkien mal-poplu kollu ta' Iżrael ikkonsagra t-Tempju u għamel lil Alla talba twila u mill-isbaħ. X'ħin il-qassisin ħarġu mis-santwarju ta' barra, is-sħaba mliet it-tempju tal-Mulej, u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom għax il-glorja tal-Mulej kienet imliet it-Tempju fost il-ferħ kbir tal-poplu kollu.

B'xorti ħażina, minħabba l-infedeltà tal-poplu ta' Iżrael, dan it-tempju ġie mġarraf u meqrud minn Nebukadnessar fl-invażjoni li għamel meta ġarr ħafna mill-popli fil-jasar tal-Babilonja u seraq id-dehbijiet u r-rikkezzi kollha li kien hemm fit-tempju.

### It-tielet Maqdes

Imma Alla hu fidil fil-wegħdiet tiegħu u wara żmien twil fl-eżilju, Alla qajjem lil Ċiru, Sultan tal-Persja, li rebaħ il-Babilonja fejn kienu eżiljati l-Lhud u fl-ewwel sena tas-Saltna tiegħu ħareġ proklama fejn għarraf li Alla kkmandah biex jibnilu t-tempju ta' Ġerusalem u jħalli l-poplu Lhudi jerġa' lura f'pajjiżu.

Żerubbabel, il-gvernatur, u Ġoswè, bin Ġosadak, bdew il-bini tat-Tempju ta' Alla, imħeġġin mill-profeti Haggaj u Żakkarija, u minkejja t-tfixkil kbir li għamlulhom is-Samaritani t-Tempju lestewh u saret il-konsagrazzjoni tiegħu fost il-ferħ u l-għajjat tal-poplu.

Dawn it-tliet Imqades servew lill-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim biex fihom iqimu lil Alla u joffrulu s-sagrifiċċji.

## Anke l-Mosta kellha tliet Imqades

Il-poplu l-ġdid ta' Alla, li hu fil-Mosta, ukoll kellu tlett Imqades biex fihom iqim lil Alla matul dawn l-400 sena. Nibdew biex ngħidu li l-Mosta kienet ilha magħquda man-Naxxar għal ħafna snin, xi 172 sena. Il-Mostin kienu jinġabru fil-Knisja ta' l-Assunzjoni.

Dwar l-ewwel Maqdes fil-Mosta ngħidu dan li ġej. Minħabba nuqqas ta' qbil bejn l-Isqof ta' Malta, Martin Royas (1572-1578) u l-Granmastru Jean l-Evesque de la Cassiere (1572-1581) kellu jindaħal il-Papa Gregorju XIII u fit-3 ta' Lulju 1574 ħatar lill-Monsinjur Pietru Dusina bħala delegat appostoliku, inkwiżitur u viżitatur biex jeżamina l-knejjes fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex.



Mons. Pietru Dusina li baqa' magħruf għall-vista pastorali fil-gżejjer Maltin fl-1575.

### L-ewwel Maqdes

Fis-sena 1575, Mons. Dusina żar il-knejjes kollha tal-gżejjer Maltin. Wara li fit-30 ta' Jannar spiċċa ż-żjara tal-matriċi tan-Naxxar, dan id-delegat beda jżur il-knejjes ta' Ħal Għargħur u tal-Mosta. F'dak iż-żmien fil-Mosta kien hemm mal-560 ruħ. Jidher li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb u jieħdu ħsiebha sewwa. Is-segretarju ta' Mons. Dusina kiteb li saret iż-żjara "tal-knisja parrokkjali tal-B.M. Assunta"

Sejħilha "parrokkjali" mhux għax kienet parroċċa imma għax kienet knisja wiesgħa u xierqa biżżejjed, kellha artal, paviment u bibien ta' l-injam. Mons. Dusina fit-12 ta' Marzu 1575, ta bidu għall- Fratellanza tas-Sagrament.

Fis-sena 1608 saret żjara pastorali oħra, din id-darba mill-Isqof Tumas Gargallo. Fil-ktieb taż-żjajjar tiegħu nkiteb hekk:

Firda tal-Mosta mill-Parroċċa tan-Naxxar. 16 ta' Settembru 1608.

*"Billi l-esperjenza twila sal-lum turina li l-Kappillan tan-Naxxar ma jistax jilħaq mat-tqassim tas-Sagramenti, minħabba 'l bogħod, u billi l-knisja parrokkjali tan-Naxxar għandha 1,100 parruċċani, li minnhom 800 iqerru u jitqarbnu, għalhekk waqt iż-żjara u wara li wieħed iqis 'il bogħod tal-Mosta, li għandha 180 dar b'900 ruħ, u li bogħod madwar 3 mili, u t-triq hija ħażina u kollha ħaġar, fil-ħin li nagħmlu skond il-Kap. 4 tas-sezzjoni 21 tal-Konċilju ta' Trentu bir-rieda tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu V u tas-Sede Appostolika, nifirdu u nagħżlu mill-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar l-imsemmi raħal tal-Mosta, biex ma jkunx aktar jagħmel ma' l-imsemmi parroċċa tan-Naxxar."*

Dan id-digriet ma seħħx mill-ewwel, imma l-Mosta baqgħet magħquda man-Naxxar sal-mewt tal-Kappillan tan-Naxxar, Dun Ġiljan Borg, li ġrat fl-14 ta' Lulju, 1610. Fl-10 ta' Novembru 1610, l-Isqof Gargallo ħatar lil Dun Ġwann Bezzina biex ikun l-ewwel Kappillan tal-Mosta wara li kien ilu 20 sena Viċi-Kappillan tal-Parroċċa tan-Naxxar.




L-Isqof Tumas Gargallo li ffirma d-digriet biex il-Mosta tinqata' min-Naxxar fis-16 ta' Settembru, 1608.

### It-tieni Maqdes

Issa li l-Mostin infirdu mill-matriċi tan-Naxxar, ħasbu biex ikollhom knisja ikbar u isbaħ. Ma nafux kemm ħallew minn dik il-knisja li kellhom, imma jista' jkun li ma ħattewhiex għal kollox. Il-Mostin ħallew ix-xogħol u l-bini tal-knisja l-ġdida f'idejn l-arkitett inġinier Tumas Dingli li kien wieħed mill-aħjar arkitetti ta' dak iż-żmien.

Skond manuskritti qodma, ix-xogħol tal-knisja l-ġdida tlesta fis-sena 1619. Il-knisja l-ġdida kien ilha 155 sena li tlestiet mill-bini u kien għadha mhix ikkonsagrata, kienet iva mbierka u l-ħitan tagħha imraxxa bl-ilma mbierek imma kienet għadha mhix ikkonsagrata biż-żejt imqaddes mill-Isqof.

Il-konsagrazzjoni saret mill-Isqof Ġwann Pellerano fis-7 ta' April 1774, u bħala tifkira ġiet imqegħda mall-faċċata tal-knisja lapida kbira u sabiħa ta' l-irħam li bħalissa tinsab fil-kuritur ta' bejn iż-żewġ sagristiji tar-Rotunda.

### It-tielet Maqdes

Billi l-popolazzjoni tal-Mosta laħqet kważi it-3,000



Il-famuża Rotunda ta' l-arkitett Grognet de Vassè li nbniet mill-Mostin bejn l-1833 u l-1860.

ruħ inħass il-bżonn li tinbena knisja ġdida akbar. Intgħażlet il-pjanta ta' l-arkitett inġinier Ġorġ Grognet de Vassè li kienet forma tonda li tant kienet għall-qalb il-kappillan Dun Feliċ Calleja li miet fl-20 ta' Frar 1833, bla ma kellu x-xorti jara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, li kien sar fit-30 ta' Mejju, 1833.

Dun Ġanmarì Schembri, li laħaq kappillan tal-Mosta wara l-kappillan Feliċ Calleja, għal 26 sena ħadem kemm felaħ biex jinbena dan it-tempju. Ma kellux ix-xorti jara l-koppla magħluqa għaliex miet fl-età ta' 60 sena, fit-28 ta' Settembru 1859, filwaqt li l-koppla kienet magħluqa fis-16 ta' Frar 1860, fi żmien il-kappillan Dun Anton Mallia li laħaq kappillan tal-Mosta wara l-kappillan Dun Ġanmarì Schembri.

Ir-Rotunda tal-Mosta tkompliet fl-1889 meta fi żmien l-Arċipriet Dun Pawl Xuereb inbniet il-lanterna u tlestiet fl-1968 meta fi żmien l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina nbena l-frontispizju fuq in-naħa ta' wara tal-knisja, mill-kumpanija *Gatt Brothers* tal-Mosta.

Wara 11-il sena, li kien ilu mbierek dan it-tempju ta' l-għaġeb, wasal iż-żmien tal-konsagrazzjoni tiegħu.



L-Isqof Gejtanu Pace Forno kkonsagra r-Rotunda tal-Mosta fil-15 t'Ottubru, 1871.

L-Isqof Gejtanu Pace Forno laqgħa t-talba li kienet saritlu mill-kappillan, kleru u poplu u ħareġ digriet biex il-knisja tiġi kkonsagrata fil-15 ta' Ottubru 1871, fl-istess digriet ordna wkoll biex fl-14 ta' Ottubru jkun jum ta' sawm għan-nies tal-Mosta bħala tħejjija għall-festa tal-konsagrazzjoni.

Feġġet l-għodwa tal-15 ta' Ottubru, meta kmieni f'karrozzella miġbuda minn erba' żwiemel, wasal l-Isqof Gejtanu Pace Forno li daħal fil-knisja u wara li libes l-ilbies liturġiku beda ċ-ċerimonja twila u sabiħa tal-konsagrazzjoni, l-ewwel ta' l-artal u wara tal-knisja. Il-festa għalqet bil-quddiesa ċċelebrata mill-istess Isqof.

Dawn huma t-tliet Imqades, Knejjes li fihom il-poplu ta' Alla li ilu fil-Mosta, inġabar biex iqim lil Alla f'dawn l-400 sena.

Hija okkażjoni ta' ferħ kbir. Il-ferħ veru u ġenwin mhux dak li jidħol minn barra għal ġewwa; imma huwa dak li joħroġ minn ġewwa, minn qalb mfawwra bil-ferħ li jiġi minn imħabba u ħbiberija ma' Alla u imħabba ġenwina għal Ommna Marija.

Din is-sena niċċelebraw ukoll il-festa ta' Santa Marija b'manjiera speċjali għax ħabtet f'dan iċ-ċentinarju ta' l-400 sena li l-Mosta ilha parroċċa. Jalla meta tgħaddi l-festa ta' Santa Marija u jgħaddu l-festi taċ-ċentinarju u nħarsu lura biex naraw kif iċċelebrajnihom ikollna wiċċ ferħan u bi tbissima talli nkunu ċċelebrajna kollox mill-aħjar u mill-aqwa.


# THE VILLAGE CONFECTIONERY

*Prop. George Micallef*

Accept Orders for:

Weddings, Engagements, Parties, etc...

**Il-Festa t-Tajba lill-Mostin kollha**

***69, Eucharistic Congress Road, Mosta – Tel: 21 413397***